# L-għajnuna medika

FIL-AĦĦAR ġimgħat tajt ħarsa lejn il-benefiċċji non-kontributorji, jiġifieri dawk il-benefiċċji, għajnuniet u assistenzi li d-dritt għalihom mhuwiex marbut mal-ħlas tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali imma jingħataw skont id-dħul.

Illum fil-fatt se ntemm il-ħarsa tiegħi lejn dawn l-għajnuniet billi nitkellem dwar l-għajnuna medika. Se nitkellem ukoll dwar għajnuniet oħra li jeżistu taħt il-kappa ta' dan il-benefiċċju għalkemm dawk li jibbenefikaw minnhom mhumiex ħafna.

Nixtieq nirringrazzja lis-Sur Raymond Chetcuti (Assistent Direttur) u lis-Sinjura Rose Bajada (Kap tat-Taqsima tal-Għajnuna Medika) tal-għajnuna li tawni biex inwassal dan it-tagħrif.

## X'inhi l-għajnuna medika?

L-għajnuna medika hija assistenza fi flus li tingħata lil kap ta' familja (bl-Ingliż 'head of household') għalkemm mhux neċessarjament il-kap ikollu xi marda li minħabba fiha jikkwalifika għal din l-għajnuna. Din l-għajnuna m'għandhiex titħallat mal-benefiċċju kontributorju għal mard li fuqu kont ktibt fl-artiklu tiegħi tal-5 ta' Ottubru, 2010.

L-għajnuna medika titħallas lil min ikun marid fil-familja u l-marda tiegħu jew tagħha tikkwalifikah għal din l-għajnuna skont test tal-mezzi u skont jekk il-marda tiegħu hijiex waħda minn dawk stipulati fil-liġi kif se nispjega aktar 'il quddiem.

Il-pazjent jista' jkun il-kap tal-familja stess, jista' jkun il-konjugi, jista' jkun bin jew bint il-kap tal-familja. Fil-każ ta' familja komposta minn aħwa adulti jgħixu flimkien, il-pazjent jista' jkun ħu jew oħt il-kap tal-familja. Fil-każi kollha msemmija, jista' jkun hemm aktar minn pazjent wieħed li jikkwalifika f'familja waħda.

Tajjeb li jingħad li min jirċievi l-Pensjoni għal Diżabilità (li dwarha ktibt ħmistax ilu) jew ibati bil-marda tal-iskizofrenija, għall-fini tad-dritt għall-għajnuna medika jitqiesu bħala kapijiet ta' familja anke jekk fil-verità mhumiex.



## X'inhu t-test tal-mezzi?

Kif kelli l-okkażjoni nispjega fil-ġimgħat li għaddew, it-test tal-mezzi huwa kalkolu tad-dħul ta' kap ta' familja li japplika għal xi għajnuna jew assistenza li d-dritt għaliha jirriżulta jekk il-mezzi tiegħu ma jkunux jaqbżu l-ammonti stabbiliti bil-liġi. Fil-każ tal-għajnuna medika, dan it-test huwa maqsum fi tnejn:

- l-ewwel isir kalkolu tal-assi kapitali tal-kap tal-familja u (jekk applikabbli) tal-membri tal-familja tiegħu – biex ikun intitolat għall-għajnuna medika dawn ma jridux ikunu aktar minn €23,000 (mizzewġin) jew €14,000 (persuna waħedha); u
- jekk l-applikant jissodisfa l-ewwel parti tat-test, imbagħad isir kalkolu tad-dħul tiegħu u (jekk applikabbli) tal-membri tal-familja u dan jiddetermina jekk id-dħul totali huwiex tali li jintitolahom għal din l-għajnuna qabel ma ssir l-evalwazzjoni medika.

## X'inhu kkunsidrat fil-kalkolu tal-assi kapitali?

Mhux kollox huwa kkunsidrat f'dan il-kalkolu. Dawn li ġejjin fil-fatt ma jiġux ikkunsidrati fil-kalkolu:

- ir-residenza personali fejn jgħix il-kap tal-familja (u l-familja tiegħu jekk il-każ)
- garaxx wieħed għall-użu personali
- villaġġjatura
- karozza waħda tal-applikanti (u oħra tal-konjuġi jekk il-każ)
- deheb u aċċessorji oħra simili personali.

Dawn li ġejjin huma fost l-affarijiet li jiġu kkunsidrati fil-kalkolu:

- flus kontanti jew depożitati f'kontijiet bankarji (inkluż assi likwidi, bonds, stocks, ishma u titli oħra) tal-persuna u l-membri tal-familja skont il-każ
- proprjetà oħra (mhux dik residenzjali tal-persuna) inkluż artijiet għall-bini, raba' jew art imqabla mill-Gvern
- karozzi aktar minn dawk imsemmija fuq.

## X'inhu kkunsidrat fil-kalkolu tad-dħul?

Dawn li ġejjin huma fost l-affarijiet li jiġu kkunsidrati fil-kalkolu:

- imgħaxijiet jew dividendi
- kirjiet
- dħul minn bejgħ ta' proprjetà jew oġġetti oħra
- dħul minn art imqabla mill-Gvern
- dħul minn bejgħ ta' prodotti agrikoli
- manteniment riċevut mill-persuna mħallas lilha jew lit-tfal tagħha mill-konjuġi.

Bħala gwida ġenerali, biex xi ħadd ikun jista' jikkwalifika għall-għajnuna medika, apparti l-evalwazzjoni medika, iridu ikollu (fl-2011) dħul fil-ġimgħa (inkluż il-pensjoni) ta' inqas minn €131.80 fil-ġimgħa għal persuna waħedha, jew inqas minn €157.60 fil-każ ta' koppja. F'każ ta' membri oħra adulti fil-familja (inkluż ulied jew aħwa taħt is-60 sena) li ma jaħdmux, iridu jiżdiedu €8.15 oħra fil-ġimgħa fuq kull persuna taħt is-60 sena li ma taħdimx mal-limiti msemmija fuq.

Huwa importanti li jingħad li fil-każ ta' kap ta' familja u l-konjugi tiegħu li għandhom aktar minn 60 sena, it-test tal-mezzi isir fuqhom biss u għalhekk ikunu esklużi l-ulied kollha li jistgħu ikunu qed jgħixu magħhom, sakemm mhumiex pazjenti li għalihom qed issir it-talba. F'dan il-każ, jekk it-talba qed issir f'isem xi ħadd mill-ulied (li ma jaħdmux) jgħodd nofs l-assi kapitali li l-iben jew il-bint ikollu f'ismu u parti żgħira mid-dħul tiegħu jew tagħha (15.7%) flimkien mal-assi kapitali u d-dħul tal-koppja. Ulied li jaħdmu ikunu esklużi mill-kalkolu.

Fil-każ ta' familja magħmula minn aħwa adulti jgħixu flimkien, il-kap tal-familja jitqies dak li għandu l-akbar età. Madankollu, jekk il-pazjent ikollu aktar minn 60 sena, dan jgħodd bħal kap tal-familja u t-test tal-mezzi isir fuqu biss. Iżda jekk il-pazjent li qed issir it-talba f'ismu ikollu inqas minn 60 sena u ma jaħdimx, jgħodd nofs l-assi kapitali li l-pazjent jew ħutu oħra taħt is-60 sena (li ma jaħdmux) ikollhom f'isimhom u parti żgħira middħul tagħhom (15.7%) mal-assi kapitali u d-dħul tal-kap tal-familja. Aħwa li jaħdmu ikunu esklużi mill-kalkolu.

## Kif issir it-talba?

Biex wieħed japplika għall-għajnuna medika jrid imur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali f'Malta u Għawdex u jagħmel talba bil-ġurament għand il-Maniġer Distrettwali jew persuna ddelegata b'din il-kariga. It-talba ssir wara li t-tabib ikun mela l-parti medika tal-applikazzjoni u jagħti t-tagħrif meħtieġ dwar il-kundizzjoni medika li għaliha qed issir it-talba.

Jekk issir talba għal aktar minn pazjent wieħed f'kull familja, it-tabib irid jimla l-parti medika tal-applikazzjoni għal kull pazjent separatament iżda dawn jiġu meħmuża mal-istess applikazzjoni li ssir mill-kap tal-familja.

Normalment mal-applikazzjoni tintalab l-informazzjoni u d-dokumenti li ġejjin:

- karta tal-identità tal-applikant u l-membri tal-familja tiegħu (skont il-każ)
- kotba tal-bank tal-applikant u l-membri tal-familja tiegħu (skont il-każ)
- stima uffiċjali tal-valur ta' proprjetà (li mhix id-dar residenzjali, villaġġjatura jew garaxx għall-użu personali)
- stima uffiċjali tal-valur ta' kull karozza li l-applikant ikollu (barra tiegħu u tal-konjugi jekk il-każ)
- id-dokument ta' reġistrazzjoni tal-bdiewa (jekk il-każ)
- f'każ ta' separazzjoni, dokumenti legali li juru fiex wasal il-każ fil-qrati (sakemm l-applikanti ma jkunx diġà qed jieħu l-għajnuna soċjali)
- iċ-ċertifikat mediku mittabib fuq il-formola apposta li tingħabar mill-uffiċċju distrettwali stess.

## Kif issir l-evalwazzjoni tad-dritt?

Meta persuna tapplika għall-għajnuna medika ssir investigazzjoni u evalwazzjoni birreqqa tal-assi kapitali u d-dħul tal-kap tal-familja (u l-membri tal-familja tiegħu jekk applikabbli) skont il-kriterji msemmija fuq. Meta l-persuna tapplika għall-għajnuna medika huwa importanti ħafna li tagħmel dikjarazzjoni korretta u veritiera tal-assi u d-dħul kollu tagħha u tal-familja tagħha.

Għalhekk wara li ssir l-applikazzjoni, l-applikant jista' jintalab li jagħti aktar informazzjoni dwar il-każ partikolari tiegħu u ħafna drabi jipprovdi dokumenti. Dan isir biex ikun stabbilit li t-talba hija waħda ġenwina u d-dikjarazzjoni mogħtija mill-applikant hija korretta.

Infakkar li d-Dipartiment għandu l-poter li jagħtih il-liġi li jinvestiga dan kollu billi jikseb informazzjoni minn sorsi oħra biex jiżgura li d-dikjarazzjoni mogħtija hija korretta. Għalhekk huwa fl-interess tal-applikant li jagħmel dikjarazzjoni korretta għax jekk le, u jirriżulta li tkun qed titħallas għajnuna mhux bi dritt, jista' jkun hemm konsegwenzi serji fosthom li jintalbu l-flus lura u li jittieħdu proċeduri legali bil-Qorti.

Tajjeb li ngħidu li jekk il-kap tal-familja ikun diġà qed jieħu l-għajnuna soċjali jew il-pensjoni tal-età, jikkwalifika wkoll għall-għajnuna medika dejjem jekk la hu u lanqas il-konjugi tiegħu (jekk il-każ) m'għandhom xi dħul minn xogħol u dejjem jekk il-bord mediku ikun tal-fehma li l-pazjent li għalih qed issir it-talba jikkwalifika wkoll mil-lat mediku.

Kif issir l-evalwazzjoni medika?

Wara li jkun sar it-test tal-mezzi fuq imsemmi u jkun stabbilit li l-applikanti (u/jew il-familja tiegħu skont il-każ) jikkwalifikaw, id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali jiddetermina jekk applikant huwiex eliġibbli għall-għajnuna medika. Dan isir skont ir-rakkomandazzjoni li ssir lilu dwar l-aspetti mediċi tat-talba minn persuni li għandhom il-'warrant' biex jipprattikaw il-professjoni medika. Dawn il-persuni li jikkonsulta magħhom id-Direttur Ġenerali huma magħżula minn panel mediku li jiġi maħtur mill-Ministru responsabbli mis-sigurtà soċjali u li hu magħmul minn tobba.

Dan il-bord mediku ikun fil-fatt kompost minn tliet tobba u dawn iridu jistabbilixxu jekk il-marda li biha qed ibati l-pazjent li għalih qed issir it-talba hijiex waħda minn dawk stipulati fl-ewwel parti tal-ħames skeda tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Il-pazjent ikun mitlub biex jidher personalment quddiem il-bord mediku. Il-bord mediku, ladarba jistabbilixxi li l-marda hija waħda minn dawk indikata fl-iskeda msemmija, jagħti parir lid-Direttur Ġenerali li l-għajnuna medika tista' titħallas.

## Il-ħlas tal-għajnuna u r-rati tal-ħlas

L-għajnuna medika titħallas kull erba' ġimgħat permezz ta' ċekk li jissarraf fil-banek kollha f'Malta u Għawdex jew permezz ta' depożitu f'kont bankarju.

Ir-rata ta' għajnuna medika li qed titħallas fl-2011 hija ta' €22.36 fil-ġimgħa għall-ewwel pazjent fil-familja u €17.23 oħra fil-ġimgħa għal kull pazjent ieħor.

## Għajnuniet oħra mediċi

Taħt il-kappa tal-għajnuna medika jeżistu tliet għajnuniet oħra li minn kif wieħed jista' josserva, dawk li jibbenefikaw minnhom fortunatament mhumiex ħafna.

L-għajnuna medika għal min ibati mil-lebbra (ġdiem) titħallas lil min ibati minn din il-marda

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika mhijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurta' soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurta' soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numru 159.*

u jattendi regolarment għall-kura u t-trattament. Il-membri tal-familja li ma jaħdmux ukoll huma intitolati għall-għajnuna anke jekk ma jkunux morda huma. Ma jsir l-ebda test tal-mezzi u l-pazjenti ma jidhrux quddiem bord mediku iżda l-każ ikun rivedut regolarment biex ikun stabbilit jekk il-pazjent għadux marid u għadux jattendi għall-kura u t-trattament.

Ir-rata ta' din l-għajnuna li qed titħallas fl-2011 hija ta' €32.49 fil-ġimgħa għall-ewwel pazjent fil-familja u €18.17 oħra fil-ġimgħa għal kull persuna oħra fil-familja li ma taħdimx. F'każ ta' pazjenti taħt is-16-il sena, ir-rata hija wkoll ta' €18.17 fil-ġimgħa.

L-għajnuna medika għal min ibati mit-tuberkolożi wkoll titħallas lil min ibati minn din il-marda u jattendi regolarment għall-kura u t-trattament fil-klinika apposta tal-Gvern. Anke f'dan il-każ ma jsir l-ebda test tal-mezzi u l-pazjenti ma jidhrux quddiem bord mediku iżda ssir biss reviżjoni tal-każ b'mod regolari biex ikun stabbilit jekk il-pazjent għadux marid u għadux jattendi għall-kura u t-trattament.

Ir-rata ta' din l-għajnuna li qed titħallas fl-2011 hija ta' €25.15 fil-ġimgħa għall-ewwel pazjent fil-familja u €14.92 oħra fil-ġimgħa għal kull pazjent ieħor fil-familja.

L-għotja għall-ħalib tingħata lil ommijiet li jkunu qed jirċievu l-għajnuna soċjali u li taħt il-kura u l-kustodja tagħhom ikollhom trabi taħt l-40 ġimgħa u li ma jkunux jistgħu jreddgħuhom minħabba parir mediku. Il-każ jarah il-bord mediku kif isir fil-każ tal-għajnuna medika. Jekk dan il-bord ikun tal-opinjoni li medikament l-applikanti tikkwalifika, l-għotja titħallas sakemm it-tarbija tagħlaq l-40 ġimgħa mit-twelid tagħha.

Ir-rata ta' din l-għotja li qed titħallas fl-2011 hija ta' €18.17 fil-ġimgħa. Is-somma massima li tista' titħallas hija ta' €726.80.



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

**• Jekk inti pensjonant jew tgħix bil-benefiċċji soċjali, jew taħdem u għandek dħul baxx tista' tikkwalifika għall-mediċini b'xejn permezz tal-kartuna r-roża – anke f'dan il-każ isir test tal-mezzi maqsum fi tnejn għalkemm min jikkwalifika għall-għajnuna soċjali jew il-pensjoni tal-età jikkwalifika wkoll awtomatikament għall-karta r-roża;**

**• Biex il-kap tal-familja jikkwalifika l-assi kapitali ma jridux jaqbżu €16,310 f'każ ta' koppja miżżewġa u €9,320 f'każ ta' persuna waħedha – dwar kif ikun stabbilit in-numru ta' nies fil-familja u liema assi kapitali jitqiesu, japplikaw prinċipji identiċi għal dawk li semmejt aktar 'il fuq dwar l-għajnuna medika;**

**• Biex il-kap tal-familja jikkwalifika wkoll, id-dħul (i) f'każ ta' xi ħadd li jaħdem ma jridx jaqbeż €134.92 fil-ġimgħa miżjuda b'€8.15 oħra fil-ġimgħa għal kull persuna oħra fil-familja li ma taħdimx u (ii) f'każ ta' pensjonant (waħdu) ma jridx jaqbeż €137.51 fil-ġimgħa u f'każ ta' koppja ma jridx jaqbeż €163.31 fil-ġimgħa miżjuda b'€8.15 oħra fil-ġimgħa għal kull persuna oħra fil-familja li ma taħdimx;**

**• Min ibati mid-dijabete, tuberkolożi, lebbra, poliomylitis jew mill-effetti ta' wara ta' dawn il-mardiet jew ibati minn waħda mill-mardiet li għalihom wieħed jista' jikkwalifika għall-għajnuna medika, ikun intitolat għall-karta r-roża mingħajr ma jsir test tal-mezzi;**

**• Għal aktar tagħrif biex biex japplika wieħed għandu jirrikorri fl-eqreb uffiċċju distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.**

SIGURTÀ SOĊJALI

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

**Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,**
**A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000**

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* **ittri@unionprint.com.mt**. *Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*